MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 1705/2003

**Leonard Grech**

**Vs**

**Suncrest Hotels p.l.c. u Suncrest Company Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz fejn l-attur talab lis-socjeta' konvenuta thallas Lm316.97c (tlett mija u sittax-il lira Maltin u sebgha u disghin centezmu) rapprezentanti paga dovuta lill-istess attur ghax-xahar t'April 2003 meta kien impjegat ma' l-istess socjeta' konvenuta.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta Suncrest Hotels plc fejn tghid li l-ammont mitlub ma kienx dovut. Fl-istess Risposta gie ddikjarat li l-legittimu kontradittur huwa Suncrest Hotels plc.

Ra li fl-1 ta' Dicembru, 2003 l-attur ceda l-kawza fir-rigward ta' Suncrest Company Limited.

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti nkluz in-Noti tal-partijiet.

Ra x-xhieda ta' l-attur fejn jghid li kien jahdem bhala dishwasher mas-socjeta' konvenuta b'kuntratt definittiv. Jghid li ghamel perjodu bis-*sick* u jikkonferma li kien mar it-tabib tas-socjeta' konvenuta u ma sabu lil hadd id-dar. Jghid ukoll li f'Marzu 2003 rega' gara l-istess haga izda jichad li ma kienx id-dar.

Jghid illi kien gie ssospendut ghal xahar minhabba li kien qed jabbuza bis-*sick leave*.

Ra x-xhieda ta' Lino Vassallo li huwa Segretarju tat-Taqsima tal-Lukandi tal-UHM fejn jghid illi skond il-Ftehim waqt is-sospensjoni l-haddiem ghandu jithallas b'nofs paga. Jekk huwa sospiz b'*pending investigation* jithallas nofs paga u jekk jinstab hati u l-kastig ikun ta' sospensjoni l-haddiem jibqa' bla hlas. Jghid ukoll illi skond il-*collective agreement* is-socjeta' konvenuta kellha tohrog *charge* u *warning* u mhux taqbad u tissospendi.

Ra x-xhieda ta' Dr Mark Grech li huwa t-tifel ta' l-attur fejn jikkonferma li Leonard Grech kien bis-*sick* ghal certu perjodu u jghid illi sakemm kien ikun jistrieh l-istess Mark Grech kien joqghod jistenna lit-tabib ta' missieru. Jikkonferma wkoll li f'Marzu ma kienx gie tabib.

Ra x-xhieda ta' Norbert Grixti li huwa l-Executive Assistant General Manager tas-socjeta' konvenuta fejn jghid li l-attur ghandu rekord ta' *sick leave* negattiv hafna kif jidher fid-dokument li gie esebit. Jikkonferma li kienu baghtu tabib ghand l-attur izda hadd ma fetah il-bieb. Jikkonferma wkoll li f'Marzu 2003 kien baghat lil Grech Ittra Ufficjali fejn avzah li n-nuqqas tieghu kien serju.

Jghid ukoll li s-sospensjoni kienet sospensjoni b'*pending investigation* u r-risposta tal-UHM kienet li s-socjeta'

konvenuta ma mxietx skond il-procedura u ghalhekk l-istess socjeta' konvenuta kellha tort.

Jikkonferma li fit-30 t'April, 2003 kien baghat lill-attur *warning* sabiex jerga' jidhol ghax-xoghol u jiffirma. Jghid li l-attur qatt ma ffirma dan il-*warning*.

Fil-kontro-ezami jghid illi l-attur kien ha aktar minn ghoxrin gurnata *sick leave* allura kien ecceda l-ammont ta' *sick leave* li kien intitolat ghalih. Jghid li l-investigazzjonijiet kienu saru billi kien kellem lit-tabib u lil Lino Vassallo li kien bhala rapprezentant ta' l-attur. Jghid ukoll illi l-attur ma kienx ikkonvincih ghalhekk is-socjeta' konvenuta ma hallsitu xejn ta' dak ix-xahar.

Ra x-xhieda ta' Dr Alfred Baldacchino li huwa l-Administrator tal-kumpanija Pegasus Medical Services Group fejn esebixxa r-*return* li jsir minn wiehed mit-tobba taghhom.

Ra x-xhieda ta' Dr Anthony Formosa li huwa tabib fejn jikkonferma li meta kien mar ghand l-attur f'zewg okkazjonijiet hadd ma fetah il-bieb.
Ra illi fil-Ftehim Kollettiv hemm miktub li l-haddiem huwa ntitolat ghal ghoxrin gurnata bhala *sick leave*. Fl-istess Ftehim klawsola 17 (ii) hemm miktub ukoll:

"Haddiem li jassenti ruhu mix-xoghol minghajr avviz u/jew gustifikazzjoni jkun soggett ghal proceduri dixxiplinarji. Assenzi ripetuti minghajr gustifikazzjoni jistghu jwasslu ghall-sospensjoni u wara ghall-tkeccija, wara li tkun giet esegwita l-procedura ta' dixxiplina kif stipulat fi klawsola 30 ta' dan il-Ftehim."

Ra illi s-socjeta' konvenuta kienet avzat kemm-il darba lill-attur dwar l-imgieba mhux accettabbli tieghu u li l-ammont ta' *sick leave* li ha kien eccessiv skond *standards* normali tal-hidma.

Ra illi l-attur fis-snin 1998, 2000 u 2001 ha izjed minn ghoxrin gurnata *sick leave*.

Ra illi meta xehed Dr Mark Grech, bin l-attur, qal li huwa s-soltu jkun hdejn missieru meta jkun marid halli meta jigi t-tabib jiftahlu hu stess.

**Ikkunsidra**

Li fl-Ittra ta' Sospensjoni datata 4 t'April, 2003 saret referenza ghal zewg okkazjonijiet meta l-attur kien irrapporta li kien marid u t-tabib tal-kumpanija allegatament ma kienx sabu d-dar.

Illi certament dan it-Tribunal irid joqghod fuq il-Ftehim Kollettiv li jipprovdi li waqt il-perjodu ta' sospensjoni sakemm ikun hemm l-ezitu ta' proceduri ta' dixxiplina l-impjegat huwa ntitolat ghan-nofs il-paga. **(Ftehim Kollettiv Pagina 14, Sezzjoni nru. 30 Procedura ta' Dixxiplina subinciz (iii)**. Illi fil-fatt dak li gara huwa li l-attur rega' dahal ghax-xoghol fit-3 ta' Mejju, 2003.

F'din il-kawza l-attur qed jitlob il-paga tax-xahar t'April 2003. Illi skond l-istess Ftehim Kollettiv jekk eventwalment jigi lliberat mill-akkuzi huwa jinghata wkoll in-nofs paga li ma jkunx thallas.

Illi ghalhekk is-socjeta' konvenuta kellha tipprova li ttiehdu proceduri ta' dixxiplina u minn dawn il-proceduri rrizulta li l-attur instab hati. B'hekk biss tista' tghid li jitlef il-paga. Fil-fatt li gara kien li s-sospensjoni giet kkontestata mill-attur u s-socjeta' konvenuta ddecediet li l-attur seta' jerga' jibda jahdem. Norbert Grixti qal li ma kienx sodisfatt bis-spjegazzjoni ta' l-attur u ghalhekk iddecieda li jzommlu xahar paga.

Mix-xhieda prodotta u mid-dokumenti esebiti jirrizulta li s-socjeta' konvenuta naqset li tiehu azzjoni skond il-Ftehim Kollettiv u ghalhekk m'hijiex intitolata unilateralment tiddeciedi li ma thallasx il-paga. Anki jekk gie stabbilit li l-attur naqas fil-fatt, is-socjeta' konvenuta kellha d-dover li timxi skond il-Ftehim Kollettiv u billi qatt ma gew terminati l-investigazzjonijiet b'decizjoni skond l-istess Ftehim, is-socjeta' konvenuta ma tistax tirrifjuta li thallas il-paga.

Ghaldaqstant filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-kawza kontra s-socjeta' Suncrest Company Limited billi l-kawza giet ceduta fil-konfront ta' din is-socjeta', jiddikjara li s-socjeta' Suncrest Hotels plc ma kellhiex ragun li tirrifjuta li thallas l-ammont ta' Lm316.97c (tlett mija u sittax-il lira Maltin u sebgha u disghin centezmu) bhala paga lill-attur u ghalhekk jikkundanna lis-socjeta' Suncrest Hotels plc biex thallas Lm316.97c (tlett mija u sittax-il lira Maltin u sebgha u disghin centezmu) lill-attur bl-ispejjez hlief ghal dawk diga' decizi bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-Avviz (16/09/2003).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------